

32003D0623

L 216/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.8.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Awissu 2003

dwar l-iżvilupp ta' sistema kompjuterizzata integrata magħrufa bħala Traces

(notifikata bid-dokument numru K (2003) 2983)

(2003/623/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ ġewwa l-Komunità ta' ċerti animali ħajjin u prodotti bl-iskop li jiġi kompletat is-suq intern⁽¹⁾, emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri għall-importazzjoni veterinarji, li temenda d-Direttivi 90/675/KEE, 91/496/KEE, 91/628/KEE u d-Deċiżjoni 90/424/KEE, u li tirrevoka d-Deċiżjoni 88/192/KEE⁽³⁾, l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar inġenju neċessarju fil-qasam veterinarju⁽⁵⁾, l-aħħar emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003, u b'mod partikolari l-Artikoli 37(2) u 37a(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/398/KEE tad-19 ta' Lulju 1991 dwar netwerk kompjuterizzata li tgħaqqad l-awtoritajiet veterinarji (Animo)⁽⁶⁾ tiddefinixxi l-prinċipji li jirregolaw in-netwerk ta' komunikazzjonijiet li tikkollega l-unitajiet veterinarji.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/563/KEE tad-19 ta' Novembru 1992 dwar id-database li tkopri l-ħtiġiet ta' importazzjoni tal-Komunità maħsuba mill-proġett Shift⁽⁷⁾, tistabbilixxi li l-Kummissjoni trid tiżviluppa d-databases rilevanti.
- (3) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar struttura Komunitarja għal firem elettroniċi⁽⁸⁾ tfittex li tiggarran-tixxi s-sigurta u l-fiducia fil-midja tal-komunikazzjoni elektronika u tiffaċilita l-użu tagħha miċ-ċittadini u mill-awtoritajiet Komunitarji biex jikkomunikaw kemm bejniethom, kemm maċ-ċittadini u operaturi ekonomiċi.

- (4) Punt 123 tar-rapport tal-Parlament Ewropew A5-0405/2002 fuq miżuri biex tiġi kontrollata l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni Ewropea fl-2001 u miżuri futuri biex jipprevjenu u jikkontrollaw il-mard fl-annimali fl-Unjoni Ewropea jistipula li l-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tieħu miżuri biex ittejjeb is-sistema eżistenti għall-monitorjar tal-moviment ta' annimali ħajjin ġewwa l-UE (is-sistema Animo).
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 dwar l-iżvilupp ta' sistema kompjuterizzata integrata⁽⁹⁾ tistabbilixxi li fit-tieni fażi l-Komunità trid tiżviluppa s-sistema ġdida Animo.
- (6) Sabiex isir l-aħjar użu mill-funzjonijiet u l-interfaces ma' l-utenti, l-Istati Membri jridu jinvolvu rwieghom mill-qrib fl-iżvilupp ta' sistema veterinarja kompjuterizzata integrata.
- (7) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien provdut fid-Deċiżjoni 2003/24/KE ta' l-arkitettura unika magħrufa bħala Traces, li tikkombina l-funzjonijiet tas-sistemi Animo u Shift, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa s-sistema ġdida Animo u tqiegħda għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri.

Artikolu 2

Għall-iżvilupp tas-sistema ġdida Animo l-Kummissjoni għandha baġit ta' EUR 300000.

Artikolu 3

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur għandu jkun awtorizzat jiffirma fisem il-Kummissjoni l-kuntratti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.90, p. 29.⁽²⁾ ĠU L 315, tad-19.11.2, p. 14.⁽³⁾ ĠU L 243, tal-25.8.92, p. 27.⁽⁴⁾ ĠU L 122, tas-16.5.3, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 224, tat-18.8.90, p. 19.⁽⁶⁾ ĠU L 221, tad-9.8.91, p. 30.⁽⁷⁾ ĠU L 361, ta' l-10.12.92, p. 45.⁽⁸⁾ ĠU L 13, tad-19.1.00, p. 12.⁽⁹⁾ ĠU L 8, ta' l-14.1.3, p. 44.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni
